MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Mandat Numru. 840/2013/1

**Alfred Schembri**
**vs**
**Annunziato sive Annonce Schembri u Etienne Schembri**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni tal-5 ta’ Gunju 2013 kontra l-intimati;

Rat ir-risposta tal-intimati tas-6 ta’ Gunju 2013 fejn opponew ghat-talba;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob

il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Ir-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti li tinibixxi lill-intimati billi b'xi mod jitrasferixxu l-appartament internament numru 2, bl-isem St. Joseph, 456 Triq it-Turisti, l-Qawra.

L-intimati rrispondew illi huma proprjetarji ta' dan l-appartament skond kuntratt ta' donazzjoni tat-22 ta' Gunju 2012 atti Nutar Vanessa Grech u r-rikorrenti ma ghandux dritt jindahal fil-tgawdija tal-proprjeta u anki jekk tigi trasferita, ebda pregudizzju ma hu ser jigi rikat lir-rikorrenti.

Fil-mori tal-proceduri r-rikorrenti pprezenta nota fejn spjega li kontestwalment saret kawza biex il-kuntratt ta' donazzjoni jigi dikjrat null bili kien hemm vizzju ta' kunsens da parti tad-donant cioe Angela Nicholina Schembri li taghha r-rikorrenti hu l-eredi. Hu qed jattakka l-kuntratt billi qed isostni illi ma kellhiex il-fakulta mentali necessarja biex taghmel id-donazzjoni.

Il-Qorti tqis li minghajr pregudizzju ghal mertu tal-kawza, irid jigi pruvat dritt prima facie da parti tar-rikorrenti. Il-Qorti kienet thares favorevolment lejn it-talba tar-rikorrenti li kieku l-kuntratt ta' donazzjoni esebit ma kienx jinkludi certifikat psikjatriku dwar l-istat mentali tad-donanti liema certifikat jipprova prima facie l-validita tal-kuntratt ta' donazzjoni u t-trasferiment. Dan l-istat fattwali jimmerita

kontra r-rikorrenti f'dan l-istadju billi prima facie ma jirrizultax xi dritt favur ir-rikorrenti li ghandu jisthoqq protezzjoni meta l-kuntratt ta' donazzjoni mhux biss jikkostitwixxi prova tat-trasferiment izda tal-istat mentali tad-donanti. Ovvjament din l-indagini f'dan l-istadju bl-ebda mod ma hi tirrikonoxxi l-validita b'mod finali tal-kuntratt izda biss illi prima facie r-rikorrenti ma ghandux jinghata d-dritt li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'dan il-mod a skapitu ta' dak li jidhru drittijiet manifesti tal-intimati.

**Decide**

Ghal din ir-raguni l-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati billi ma nghata ebda hjiel ta' dritt prima facie li r-rikorrenti isostni li ghandu. L-ispejjez ibatihom ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------